

31991R0964

L 100/14

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

20.4.1991

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 964/91
tat-18 t'April 1991**

li jikkonċerna l-klassifikazzjoni ta' ċerta merkanzija fin-nomenklatura magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar it-tariffa u n-nomenklatura statistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 315/91 ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 9,

Billi sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda annessa mar-Regolament imsemmi, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jirrigwardaw il-klassifika ta' l-oġġetti msemmija fl-Anness ma' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u dawn ir-regoli wkoll japplikaw għal xi nomenklatura oħra li hija kompletament jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi suddiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita minn disposizzjonijiet speċifiċi tal-Komunità, bl-intenzjoni ta' l-applikazzjoni tat-tariffa u miżuri oħra li jirrigwardaw il-kummerċ ta' l-oġġetti;

Billi, skond ir-regoli ġenerali msemmija, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa mar-Regolament preżenti jridu jiġu

kklassifikati skond il-kodiċijiet approprijati tan-NM indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet iddikjarati fil-kolonna 3;

Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tan-Nomenklatura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa huma issa kkklassifikati ġewwa n-nomenklatura magħquda taħt il-kodiċijiet approprijati tan-NM indikati fil-kolonna 2 tat-tabella msemmija.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika għall-prodott Nru 1 ta' l-Anness mit-30 ta' April sal-31 ta' Diċembru 1991 u għall-prodott Nru 2 ta' l-Anness mill-1 t'Awissu 1991.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' April 1991.

Għall-Kummissjoni.

Christiane SCRIVENER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 256, tas-7.9.1987, pg. 1.

⁽²⁾ ĠU L 37, tad-9.2.1991, pg. 24.

ANNEX

Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Klassifikazzjoni Kodiċi tan-NM	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>1. Prodott, f'forma ta' trab bir-riżultati analitiċi ewlenin li ġejjin (perċentwali bħala toqol):</p> <ul style="list-style-type: none"> — xaħam tal-ħalib 5,8 — proteini tax-xorrox 74,3 (78,9 bħala toqol niexef) — lactose 6,0 — ash 2,9 	0404 90 33	<p>Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mid-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u t-testi tal-kodiċi tan-NM 0404, 0404 90 u 0404 90 33.</p> <p>Minħabba l-<i>protein lactose</i> u l-kontenut tax-xaħam tal-ħalib tiegħu, li jvarja konsiderevolment minn dak tat-trab tax-xorrox, il-prodott huwa eskluż mill-kodiċi tan-NM 0404 10.</p>
<p>2. Faqqiegħ ta' l-ispeċi <i>Agaricus</i> kompletament qrib il-ftuħ tat-togħlija. Il-faqqiegħ huma mgħaddsa fl-ilma, li miegħu jista' jkun kien miżjud melħ u/jew aċidu ċitriku u/jew SO₂, u kien imkessaħ.</p> <p>Dawn il-faqqiegħ, li ma jitqegħdux f'pakketti għall-bejgħ bl-immnut, jintużaw, ġeneralment, bħala materjal tal-bidu fl-industrija tal-priservazzjoni.</p>	2003 10 10	<p>Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mid-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, kif ukoll min-Nota Addizzjonali 1 tal-Kapitolu 20 u mit-testi tal-kodiċi tan-NM 2003, 2003 10 u 2003 10 10.</p>